IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2020
COM(2020) 262 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-triq ’il quddiem biex jiġi allinjat dak li kien l-acquis tat-tielet pilastru mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-triq ’il quddiem biex jiġi allinjat dak li kien l-acquis tat-tielet pilastru mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*

I. Introduzzjoni

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta r-rieżami li għandu jitwettaq mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 62(6) tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data[1] (id-Direttiva 2016/680, minn hawn ’il quddiem l-“LED”).

L-LED daħlet fis-seħħ fis-6 ta’ Mejju 2016 u skont l-Artikolu 63(1) tagħha, l-Istati Membri kellhom sas-6 ta’ Mejju 2018 biex jittrasponuha fil-liġi nazzjonali tagħhom. Hija ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. L-LED tapplika kemm għall-ipproċessar domestiku kif ukoll għal dak transkonfinali ta’ *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, inkluż is-salvagwardji kontra t-theddid għas-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni tiegħu (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ l-“infurzar tal-liġi”) (l-Artikolu 1(1)). Hija l-ewwel strument li jieħu approċċ komprensiv fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, għall-kuntrarju ta’ approċċi preċedenti *ad-hoc* fejn kull strument tal-infurzar tal-liġi kien irregolat mir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* tiegħu stess. L-LED hija bbażata fuq l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-“TFUE”) u hija l-att li permezz tiegħu l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħti effett lid-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[2], fil-kuntest tal-ipproċessar ta’ *data* personali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

L-LED, skont l-Artikolu 60 tagħha, tipprevedi klawżola ta’ “anterjorità” li permezz tagħha d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni tad-*data* personali f’ċerti atti legali tal-Unjoni jibqgħu mhux affettwati mid-dispożizzjonijiet tagħha. Din tikkonċerna d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni tad-*data* personali f’atti legali tal-Unjoni li daħlu fis-seħħ fis-6 ta’ Mejju 2016 jew qabel, fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali u tal-kooperazzjoni tal-pulizija. L-LED diġà tapplika għall-bqija tad-dispożizzjonijiet ta’ dawk l-atti.

L-Artikolu 62(6) tal-LED jeħtieġ li sas-6 ta’ Mejju 2019, il-Kummissjoni tirrieżamina atti legali oħra adottati mill-Unjoni li jirregolaw l-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-atti ta’ “anterjorità” tal-Artikolu 60 biex tivvaluta l-ħtieġa li jkunu allinjati mal-LED u li tagħmel, fejn xieraq, il-proposti neċessarji sabiex jiġu emendati dawk l-atti sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali fl-ambitu tal-LED. L-allinjament, meħtieġ mill-Artikolu 62(6) tal-LED, jenħtieġ li jkollu l-għan

[1] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta’ tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89-131).

[2] Ara, fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-Artikolu 16 tat-TFUE u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Opinjoni tal-Qorti (Awla Manja) A-1/15, ECLI:EU:C:2017:592, punt 120.

li jemenda l-atti rilevanti b'tali mod li r-regoli applikabbli għall-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti f'dawk l-atti tal-Unjoni (u skont kif ikun il-każ fl-implimentazzjoni tar-regoli nazzjonali) ikunu allinjati mar-regoli stabbiliti fl-LED (u l-miżuri nazzjonali li jittrasponu dik id-direttiva). Din il-Komunikazzjoni telenka l-atti li, skont ir-rieżami, jenħtieġ li jkunu allinjati, kif ukoll l-iskeda ta' żmien biex jintlaħaq dan l-objettiv. Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi speċifiċi ta' kull att, soġġetti għal dan ir-rieżami li tista' tipproponi, b'mod partikolari fejn jista' jkun previst tibdil sinifikanti jew sostituzzjoni ta' tali strument.

II. Ir-riżultat tar-rieżami

Waqt li kienet qed twettaq ir-rieżami, il-Kummissjoni qieset l-istudju li kien sar bħala parti mill-Proġett Pilota tal-Parlament Ewropew "Rieżami tad-Drittijiet Fundamentali tal-istrumenti u l-programmi ta' ġbir tad-*data* tal-UE"[3]. Dan l-istudju kien jinkludi mmappjar tal-atti tal-Unjoni koperti mill-Artikolu 62(6) tal-LED u identifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li potenzjalment jeħtieġu allinjament dwar il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-*data*.

Il-Kummissjoni identifikat 26 att legali tal-Unjoni li jaqgħu taħt l-eżerċizzju tar-rieżami, abbażi ta' dan l-istudju. Minn dawn is-26 att, il-Kummissjoni kkonkludiet li 16 minnhom ma jeħtiġux li jiġu emendati filwaqt li 10 minnhom mhumiex kompletament konformi mal-LED u jenħtieġ għalhekk li jiġu emendati.

L-atti legali li jirregolaw l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti adottati jew diġà emendati wara d-dħul fis-seħħ tal-LED ma jaqgħux taħt dan ir-rieżami peress li dawn l-atti diġà qiesu r-rekwiżiti tal-LED.

III. Atti li ma jeħtiġux allinjament

Is-16-il att legali li ma jeħtiġux allinjament jaqgħu f'ħames kategoriji kif ippreżentati f'din il-Komunikazzjoni.

1) Atti li ma fihomx regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data*

L-atti li ma fihomx regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* mhumiex ta' "anterjorità" skont l-Artikolu 60 tal-LED. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu l-LED japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali skont tali atti, u ma jeħtiġux allinjament ulterjuri. Dawn l-atti huma s-sebgħa li ġejjin:

[3] Il-Proġett Pilota ġie mitlub mill-Parlament Ewropew, ġestit mill-Kummissjoni u mwettaq minn kuntrattur (grupp ta' esperti indipendenti). Il-Kummissjoni għażlet il-kuntrattur abbażi tal-kriterji definiti mill-Parlament Ewropew. Ir-riżultati tanġibbli tal-proġett jirriflettu l-fehmiet u l-opinjonijiet tal-kuntrattur biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fih. Ir-riżultati tiegħu huma ppubblikati fil-link li ġej: http://www.fondazionebrodolini.it/en/projects/pilot-project-fundamental-rights-review-eu-data-collection-instruments-and-programmes

i. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[4];

ii. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza[5];

iii. Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2005/69/ĠAI tal-24 ta' Jannar 2005 dwar l-iskambju ta' ċerta *data* mal-Interpol[6];

iv. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal penali finanzjarji[7];

v. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska[8];

vi. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi[9];

vii. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea[10];

2) Atti li fihom referenza għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI u li ma fihom l-ebda regola speċifika dwar il-protezzjoni tad-*data*

L-LED ħassret id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tad-*data* personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali[11] b'effett mis-6 ta' Mejju 2018 u fl-Artikolu 59 tagħha tiddikjara li referenzi għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal-LED. Dan jiżgura l-applikabbiltà tal-LED għall-ipproċessar ta' *data* skont dawk l-atti legali. Dawk l-atti ma fihom l-ebda regola speċifika dwar il-protezzjoni tad-*data* lil hinn mir-referenza għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI u r-rieżami wera li mhux meħtieġa emendi ulterjuri relatati mal-protezzjoni tad-*data*. It-tliet atti li ġejjin huma kkonċernati:

i. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja[12];

---

4 ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1–20.
5 ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45–55.
6 ĠU L 27, 29.1.2005, p. 61–62.
7 ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16–30. Fir-rigward tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI, ta' min isemmi li l-GDPR japplika f'każijiet ta' penali finanzjarji li nħarġu fir-rigward ta' reati amministrattivi aktar milli dawk kriminali.
8 ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59–78.
9 ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102–122.
10 ĠU L 327, 5.12.2008, p. 27–46.
11 ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60-71.
12 ĠU L 294, 11.11.2009, p. 20–40.

ii. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali[13];

iii. Id-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni[14].

3) Proposti leġiżlattivi soġġetti għal negozjati interistituzzjonali

Iż-żewġ atti legali li ġejjin huma attwalment soġġetti għal rieżami leġiżlattiv pendenti. Il-proċess leġiżlattiv li għaddej, mibdi mill-Kummissjoni, diġà qies ir-rekwiżiti tal-LED:

i. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra[15] tirregola l-aċċess għal *data* personali fil-VIS għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra. Fl-2018, il-Kummissjoni adottat il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament tal-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[16]. Din il-proposta tallinja d-dispożizzjoni relatata mal-aċċess għall-infurzar tal-liġi mal-iżviluppi leġiżlattivi reċenti u tipproponi li d-Deċiżjoni tal-Kunsill titħassar.

ii. Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida[17]. Fl-2016, il-Kummissjoni pproponiet li dan ir-Regolament jitħassar skont il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema huma l-Istati Membri responsabbli biex jeżaminaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)[18].

4) Ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati Membri jew l-Istati ta' Schengen biss

Hemm diversi ftehimiet internazzjonali li jaqgħu fl-ambitu tar-rieżami skont l-Artikolu 62(6) tal-LED li jorbtu esklużivament lill-Istati Membri, jew lill-Istati ta' Schengen li huma obbligati li jittrasponu l-LED fl-ordni ġuridika nazzjonali tagħhom. Għalhekk, l-ipproċessar

13 ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42–47.
14 ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2–18.
15 ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129–136.
16 COM(2018) 302 final.
17 ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31–59.
18 COM/2016/0272 final - 2016/0132 (COD).

ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi taħt tali ftehimiet huwa soġġett għal-liġijiet nazzjonali li jittrasponu l-LED. Hemm tlieta minn dawn il-ftehimiet:

i. Il-Konvenzjoni magħmula fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fuq assistenza reċiproka u kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali (il-Konvenzjoni ta' Napli II)[19];

ii. L-Att tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea[20];

iii. Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll tal-2001 miegħu[21].

5) Trattat ta' Għajnuna Legali Reċiproka bejn l-UE u l-Istati Uniti

Iffirmat fl-2003, il-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka[22] ("MLAT bejn l-UE u l-Istati Uniti") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010. Minbarra s-salvagwardji inklużi fil-Ftehim, il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali marbuta mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali[23] (il-"Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti), li ilu fis-seħħ minn Frar 2017, jikkumplimenta l-Ftehim b'salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-*data* personali, u għalhekk mhux meħtieġ allinjament ulterjuri tal-MLAT bejn l-UE u l-Istati Uniti.

IV. Atti li għandhom jiġu allinjati mal-LED

Ir-rieżami identifika għaxar atti legali li l-Kummissjoni tqis bħala xieraq intervent leġiżlattiv għalihom, jew minħabba li jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni tad-*data* personali li, skont l-Artikolu 60 tal-LED, jibqgħu mhux affettwati mil-LED (huma ta' "anterjorità"), jew mhumiex ta' anterjorità iżda mhumiex kompletament konformi mal-LED, kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt.

1) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti

Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti[24] tispeċifika l-kundizzjonijiet biex titwaqqaf skwadra ta' investigazzjoni konġunta. Din fiha dispożizzjoni speċifika relatata mal-ipproċessar ta' informazzjoni li jista' jinkludi *data* personali miksuba minn membru jew membru sekondat ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, li tipprevedi li tali informazzjoni tista' tintuża għal skopijiet oħra sakemm ikun hemm qbil bejn l-Istati Membru li jwaqqfu l-iskwadra (l-Artikolu 1(10)(d)). Jenħtieġ li din id-dispożizzjoni tiġi allinjata mal-LED.

---

19 ĠU C 24, 23.1.1998, p. 2–22.
20 ĠU C 197, 12.7.2000, p. 1–2.
21 ĠU L 26, 29.1.2004, p. 3–9.
22 ĠU L 181, 19.7.2003, p. 34–42.
23 ĠU L 336, 10.12.2016, p. 3–13.
24 ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1–3.

Allinjament mal-LED

Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI tiġi allinjata mal-LED fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

- Tispeċifika li d-*data* personali miksuba skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA tista' tiġi pproċessata għall-finijiet oħra minbarra dawk li għalihom tkun inġabret din id-*data* fil-limiti previsti mil-liġi nazzjonali u sakemm maqbul bejn l-Istati Membri li jwaqqfu l-iskwadra, f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikoli 4(2) u 9(1) tal-LED.

It-triq 'il quddiem

Il-Kummissjoni se tipproponi emenda mmirata għad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA fl-aħħar tliet xhur tal-2020.

2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi [25] ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI u fiha dispożizzjonijiet ta' "anterjorità" skont l-Artikolu 60 tal-LED. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI ġiet reċentement emendata bid-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Allinjament mal-LED

Jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI tiġi allinjata mal-LED fir-rigward ta' dawn il-punti:

- Tispeċifika li l-ipproċessar ta' *data* personali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI jista' biss isir għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi, f'konformità mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop;
- Jenħtieġ li l-kategoriji ta' *data* personali li jistgħu jiġu skambjati jiġu definiti b'mod aktar preċiż mil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru, f'konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 8(2) tal-LED, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi tal-awtoritajiet ikkonċernati.

It-triq 'il quddiem

Il-Kummissjoni se tipproponi emenda mmirata għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI fl-ewwel semestru tal-2021.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li, sat-8 ta' Settembru 2021, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-valur miżjud tad-Direttiva (UE) 2017/541 fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 29(2) tad-Direttiva (UE) 2017/541).

3) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi

[25] ĠU L 253, 29.9.2005, p. 22–24.

Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[26] tistabbilixxi sett ta' regoli ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni u intelligence eżistenti fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri sabiex jitwettqu investigazzjonijiet kriminali jew operazzjonijiet ta' intelligence kriminali. Din teħtieġ li, fil-prinċipju, il-proċeduri għall-iskambji ta' *data* transkonfinali ma jkunux aktar stretti minn dawk applikabbli għal skambji fil-livell nazzjonali.

Allinjament mal-LED

Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tiġi allinjata mal-LED fir-rigward ta' dawn il-punti:

- Tispeċifika t-tipi ta' *data* personali li jistgħu jiġu skambjati skont id-Deċiżjoni Kwadru, filwaqt li tinżamm l-effettività u n-natura tagħha bħala għodda orizzontali;
- Tikkjarifika aktar is-salvagwardji: b'mod partikolari r-rekwiżit ta' valutazzjoni ta' neċessità u proporzjonalità għal kull skambju ta' informazzjoni;
- Taġġorna r-referenzi għall-qafas orizzontali tal-protezzjoni tad-*data* u tinkludi referenza għall-applikabbiltà tal-LED.

It-triq 'il quddiem

Il-Kummissjoni se tivvaluta dan l-istrument fil-kuntest ta' diskussjonijiet usa' u ta' studju tal-fattibbiltà li sar fl-2020 dwar il-kodifikazzjoni futura possibbli dwar il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi tal-UE, li jenħtieġ li jkollu l-għan li jfassal mill-ġdid u jimmodernizza l-leġiżlazzjoni varja fis-seħħ fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi. Il-Kummissjoni se tagħmel proposta leġiżlattiva, li bħala minimu se tinvolvi emenda tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI biex tiżgura l-allinjament meħtieġ tal-protezzjoni tad-*data*, fl-aħħar tliet xhur tal-2021.

4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha[27], tobbliga lill-Istati Membri jwaqqfu l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u jipprovdu qafas għall-iskambju ta' *data* fost l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri.

Allinjament mal-LED

Jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI, jew kwalunkwe strument li jista' jissostitwiha, tiġi allinjata mal-LED f'kull aspett rilevanti, inkluż:

- Sabiex tikkjarifika li l-ipproċessar ta' *data* personali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI huwa soġġett għal-LED. Attwalment, l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI jirreferi espliċitament għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, u għall-Protokoll Addizzjonali tat-8 ta' Novembru 2001 għal dik il-Konvenzjoni, rigward l-Awtoritajiet Superviżorji u l-Flussi Traskonfini ta' *Data*. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI u d-dispożizzjonijiet speċifiċi

[26] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89–100.
[27] ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103–105.

tagħha għall-protezzjoni ta' *data* personali huma wkoll koperti mill-Artikolu 60 tal-LED bir-riżultat li dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex affettwati mil-LED (jiġifieri huma ta' "anterjorità"). Għalhekk, hija meħtieġa emenda leġiżlattiva biex jiġi żgurat li l-LED tkun applikata b'mod sħiħ;

- Jenħtieġ li l-kategoriji ta' *data* personali li jistgħu jiġu skambjati jiġu definiti b'mod aktar preċiż, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi tal-awtoritajiet ikkonċernati.

It-triq 'il quddiem

Il-Kummissjoni tinsab fi proċess ta' riflessjoni dwar l-irwol u l-funzjonijiet tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi. Għal dak il-għan, f'Diċembru 2019, il-Kummissjoni nediet studju dwar "L-iffriżar, il-konfiska u l-irkupru tal-assi fl-UE — x'jaħdem u x'ma jaħdimx". Ir-rapport finali ta' dan l-istudju huwa mistenni f'Lulju 2020.

Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-istudju jistgħu jservu bħala bażi għal konsiderazzjoni ulterjuri tal-acquis tal-UE dwar l-irkupri tal-assi, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI. Proposta leġiżlattiva, inklużi l-emendi neċessarji għall-allinjament tal-protezzjoni tad-data se tiġi ppreżentata sa tmien l-2021.

5) Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (id-Deċiżjonijiet ta' Prüm)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali[28] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali[29] jistabbilixxu r-regoli għall-kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, primarjament relatati mal-iskambju tad-*data* tal-marki tas-swaba' u DNA, fuq bażi ta' "hit/no-hit", miżmuma fil-bażi tad-*data* nazzjonali kriminali. Il-Qafas Prüm jipprevedi wkoll aċċess dirett għar-reġistrazzjoni ta' sidien ta' vetturi permezz ta' applikazzjoni online "EUCARIS".

Allinjament mal-LED

Ir-reviżjoni tad- Deċiżjonijiet ta' Prüm teħtieġ li tiżgura allinjament sħiħ tal-Qafas ta' Prüm il-ġdid mal-LED, speċjalment rigward is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data*. Il-Kummissjoni se tipproponi bidliet bl-għan li jiġi żgurat l-allinjament mal-LED, inkluż il-punti li ġejjin:

- L-allinjament tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u r-regoli rigward responsabbiltà għall-ipproċessar ta' *data* personali u r-rimedji;
- L-iżgurar li r-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni jkunu allinjati bis-sħiħ mal-LED;
- L-allinjament tar-regoli dwar it-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali;
- L-ikkunsidrar tal-interazzjoni bejn l-Artikolu 9(3) tal-LED u s-sistema stabbilita mid-Deċiżjonijiet ta' Prüm;
- Fir-rigward tal-Kapitoli 3 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, l-iċċarar tal-kategoriji ta' *data* personali li jistgħu jiġu pproċessati għall-prevenzjoni tar-reati kriminali u għaż-żamma tal-ordni pubblika u s-sigurtà ta' avvenimenti prinċipali, jew

[28] ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1–11.
[29] ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12–72.

fir-rigward ta' forom oħra ta' kooperazzjoni, f'konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 8(2) tal-LED;

- L-iċċarar li kwalunkwe skambju ta' informazzjoni li jsir skont id-Deċiżjoni, b'mod partikolari l-forniment ta' *data* fir-rigward ta' avvenimenti prinċipali jew forom oħra ta' kooperazzjoni (il-Kapitoli 3 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI) ikunu għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali u tas-sigurtà pubblika biss;
- Il-Kummissjoni tieħu wkoll l-opportunità tal-allinjament biex taġġorna r-referenza għall-qafas applikabbli tal-protezzjoni tad-*data*, jiġifieri tissostitwixxi r-referenza għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI bir-referenza għall-applikabbiltà tal-LED.

It-triq 'il quddiem

F'Novembru 2018, il-Kummissjoni nediet studju ta' fattibbiltà dwar il-futur tal-qafas Prüm.[30] Dan jinkludi l-valutazzjoni tal-fattibbiltà teknika, operattiva u legali biex tiġi emendata l-arkitettura teknika, għat-titjib tal-iskambju ta' *data* personali u *data* relatata ma' każ wara li tiġi ikkonfermata l-"hit" ipprovduta mis-sistema, inkluż il-kategoriji ġodda ta' *data* u għat-titjib tal-ipproċessar ta' *data* eżistenti u għar-rabta ta' Prüm ma' bażi ta' *data* oħra ċentrali tal-UE u ma' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà. Soġġett għar-riżultat tal-istudju, il-Kummissjoni se tqis proposta leġiżlattiva li tipprovdi qafas legali rivedut u modernizzat li se jippreżenta l-opportunità biex jiġu inklużi l-allinjamenti neċessarji mal-LED fl-2021.

6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali[31], tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS - Customs Information System) li tassisti fil-prevenzjoni, fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali billi tagħmel id-*data* disponibbli iktar rapidament, u ssaħħaħ l-effettività tal-amministrazzjonijiet doganali. Din is-sistema ċentrali hija aċċessibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-Europol, l-Eurojust u l-Kummissjoni Ewropea.

Allinjament mal-LED

Jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI tiġi allinjata mal-LED f'dawn il-punti li ġejjin:

- Fir-rigward tal-"ksur serju" li d-deċiżjoni tal-Kunsill tapplika għalih;
- Tikkjarifika l-kundizzjonijiet għall-ġbir u r-reġistrazzjoni tad-*data* u tesiġi li d-*data* tista' biss tiddaħħal fis-CIS jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli, b'mod partikolari abbażi tal-attivitajiet illegali preċedenti, li jissuġġerixxu li l-persuna kkonċernata tkun wettqet jew tkun se twettaq reat kriminali;
- Tipprevedi rekwiżiti addizzjonali relatati mas-sigurtà tal-ipproċessar, tallinja l-lista tal-miżuri ta' sigurtà meħtieġa mal-Artikolu 29 tal-LED jiġifieri billi żżid rekwiżiti għall-irkupru, l-affidabbiltà u l-integrità tas-sistema;
- Tirrestrinġi l-ipproċessar sussegwenti ta' *data* rreġistrata fis-CIS għall-finijiet li mhumiex dawk li għalihom inġabret id-*data* personali esklużivament skont il-kundizzjonijiet previsti fl-LED;
- Tagħmel l-ipproċessar ta' *data* personali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI soġġett għall-mudell ta' superviżjoni koordinat stabbilit fl-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/1725.[32]Id-Deċiżjoni hija l-uniku att legali li fadal li permezz

---

30 Studju dwar il-fattibbiltà għat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni skont id-Deċiżjonijiet ta' Prüm: Ir-Rapport Finali (https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/6c877a2a-9ef7-11ea-9d2d-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-130489216); Ir-Rapport avvanzat tekniku (https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/3236e6ae-9efb-11ea-9d2d-01aa75ed71a1/language-en); L-Analiżi kost-benefiċċji (https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/503f1551-9efc-11ea-9d2d-01aa75ed71a1/language-en).

31 ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20–30.

32 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE)

tiegħu s-superviżjoni tal-ipproċessar ta' *data* personali titwettaq mill-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta li issa ġiet obsoleta;

- Taġġorna r-referenza ġenerali għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI mar-referenza għall-applikabbiltà tal-LED. Jenħtieġ li kwalunkwe dispożizzjoni li tikkoinċidi mal-LED (bħad-definizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jew id-disponibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju u ta' responsabbiltà) titħassar bħala skaduta u obsoleta. Jenħtieġ li r-referenzi għal dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI jiġu aġġornati bir-referenzi korrispondenti speċifiċi għal-LED.

It-triq 'il quddiem

Il-Kummissjoni se tipproponi emendi mmirati għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI fl-ewwel tliet xhur tal-2021.

7) Il-Ftehim dwar Assistenza Legali Reċiproka mal-Ġappun

Allinjament mal-LED

Fir-rigward tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali[33], ir-rieżami identifika diversi oqsma fejn is-salvagwardji attwalment inklużi fih jenħtieġ li jitjiebu. Oqsma li jeħtieġu konsiderazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward jinkludu:

- Id-dispożizzjonijiet dwar il-kwalità tad-*data* u l-kwistjonijiet ta' sigurtà;
- Is-salvagwardji applikabbli għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali tad-*data* personali;
- Ir-rimedji disponibbli għas-suġġetti tad-*data* u għar-regoli dwar is-sorveljanza;
- Ir-restrizzjonijiet fuq trasferimenti ulterjuri;
- Ir-regoli dwar iż-żamma u ż-żamma ta' rekords.

It-triq 'il quddiem

Għalhekk, il-Kummissjoni se tinforma lill-awtoritajiet Ġappuniżi dwar il-ħtieġa possibbli għal emenda tal-Ftehim u l-proċedura li trid tiġi segwita biex tinkludi salvagwardji msaħħa għall-protezzjoni tad-*data*, f'konformità mal-LED, bil-għan li l-Kunsill jiġi indirizzat b'rakkomandazzjoni fl-ewwel tliet xhur tal-2021.

8) Id-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea

L-ipproċessar ta' *data* personali skont id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali[34] jistabbilixxi l-qafas għall-ħruġ, it-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea.

Allinjament mal-LED

Jenħtieġ li d-Direttiva 2014/41/UE tiġi allinjata mal-LED f'dawn il-punti li ġejjin:

Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98).

33 ĠU L 39, 12.2.2010, p. 20–35.

34 ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1–36.

- Tikkjarifika li kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali miksub skont din id-Direttiva għall-finijiet minbarra dawk li għalihom tingħabar din id-*data* huwa permess biss taħt il-kundizzjonijiet previsti skont l-Artikolu 4 jew 9(1) tal-LED jew l-Artikolu 6 tal-GDPR, eż. billi jitħassar l-Artikolu 20;
- Il-Kummissjoni se taġġorna r-referenza ġenerali għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977 billi tirreferi għall-applikabbiltà tal-LED u tinkludi referenza għall-applikabbiltà tal-GDPR għall-ipproċessar ta' *data* personali relatata ma' OIE fil-kuntest ta' proċedimenti mhux kriminali.

It-triq 'il quddiem

Il-Kummissjoni se tipproponi emenda mmirata għad-Direttiva 2014/41/ĠAI fl-aħħar tliet xhur tal-2020.

9) Id-Direttiva dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq

Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq[35] għandha l-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti kollha tat-toroq fl-Unjoni billi jiġi ffaċilitat l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar ċerti reati tat-traffiku speċifiċi relatati mas-sikurezza fit-toroq. Għal dan il-għan, hija tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri b'aċċess għar-reġistri tal-vetturi ta' xulxin permezz ta' sistema ta' informazzjoni elettronika li tippermetti l-identifikazzjoni tat-trażgressur preżunt mhux residenti jiġifieri s-sid jew id-detentur tal-vettura u b'hekk tiffaċilita l-infurzar ta' sanzjonijiet relatati mat-traffiku fit-toroq.

Allinjament mal-LED

Jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2015/413 tiġi allinjata mal-LED f'dawn il-punti li ġejjin:

- Tintroduċi referenza espliċita għall-applikabilità tal-LED meta l-att relatat mat-traffiku tat-triq jitqies bħala reat kriminali. Minħabba li l-objettiv ewlieni huwa l-livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti tat-toroq, id-Direttiva hija bbażata fuq l-Artikolu 91(1)(c) tat-TFUE dwar il-miżuri biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, u attwalment tirreferi għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE kif applikabbli. Madankollu, l-għan tad-Direttiva huwa li tiffaċilita s-sanzjonijiet kontra reati relatati mat-traffiku tat-toroq, li f'xi Stati Membri huma kkwalifikati bħala "amministrattivi", waqt li f'xi wħud huma "kriminali". Fl-ewwel każ, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jissostitwixxi d-Direttiva 95/46/KE u tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-qafas legali korrett għall-ipproċessar ta' *data* personali. Fil-każ tal-aħħar, kif imsemmi fil-Premessa 23 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* kif stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI. L-aċċess għad-*data* skambjata skont din id-Deċiżjoni, u l-ipproċessar sussegwenti tagħhom, jeħtieġ li jiġu allinjati mal-LED billi tiġi pprovduta referenza ċara għall-applikabbiltà tal-LED f'każijiet bħal dawn (ara l-punt 5 imsemmi fuq);

- Jenħtieġ li l-allinjament jiżgura li l-obbligu li tintbagħat ittra ta' informazzjoni lis-sid jew lid-detentur tal-vettura, jew inkella lill-persuna identifikata suspettata li wettqet

[35] ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9–25.

reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq, mal-bidu tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni u li tingħatalhom informazzjoni speċifika huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-LED.

It-triq 'il quddiem

L-Artikolu 11 tad-Direttiva jeħtieġ lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sa Novembru 2016. Wara l-evalwazzjoni tal-2016 tad-Direttiva[36], il-Kummissjoni ppubblikat Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu[37] (Pjan Direzzjonali) fil-15 ta' Marzu 2019, bħala l-ewwel pass fil-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt li tikkonċerna r-reviżjoni tad-Direttiva. Il-Kummissjoni se tippubblika proposta leġiżlattiva, inkluż l-allinjament neċessarju mal-LED[38] sa tmiem l-2021.

10) Id-Direttiva dwar l-użu tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR)

Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja[39] tistabbilixxi obbligu għat-trażmissjoni ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri ta' passiġġieri fuq titjira internazzjonali minn linji tal-ajru għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Hija tistabbilixxi wkoll kundizzjonijiet għal aċċess u għall-ipproċessar ta' tali *data* minn awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew kriminalità serja.

Allinjament mal-LED

Id-Direttiva dwar il-PNR hija attwalment is-suġġett ta' deċiżjoni preliminari ppreżentata lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[40], li fiha l-kompatibbiltà tagħha mal-Artikoli 7, 8 u 52(1) tal-Karta qed tiġi eżaminata. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtieġa għal kwalunkwe reviżjoni relatata mal-protezzjoni tad-*data* tad-Direttiva dwar il-PNR fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti.

It-triq 'il quddiem

L-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar il-PNR tal-UE jeħtieġ lill-Kummissjoni twettaq rieżami tal-elementi kollha ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-25 ta' Mejju 2020. Wara r-rieżami, u wara li titqies is-sentenza tal-Qorti fil-Kawża C-817/19, il-Kummissjoni se tqis jekk il-proponiment ta' proposta leġiżlattiva

---

36 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' skambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku tat-triq (SWD(2016) 355 final) u r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza tat-toroq (COM(2016) 744 final).

37 Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu: Ir-Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar Transkonfinali (https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2019-1732201_mt).

38 L-allinjament se jqis ukoll kwalunkwe allinjament neċessarju għall-GDPR u għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37-47).

39 ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132–149.

40 Il-Kawża C-817/19, *Ligue des droits humains*, pendenti fil-mument tal-adozzjoni ta' din il-Komunikazzjoni.

bil-għan li temenda din id-Direttiva hijiex neċessarja jew xierqa. Il-Kummissjoni bdiet analiżi tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-PNR fl-aħħar tliet xhur tal-2019.